MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 309/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. N. Grixti)**
**(Spt. R. Mercieca)**

**Vs**
Josette Bickle

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli f'dawn il-Gzejjer fil-11 ta' Lulju, 2003, fl-1 t'Awissu, 2003 u fis-26 t'Awissu, 2003 b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda. Art. 18 tal-Kap 9.**

**1) f'dawn il-Gzejjer fil-11 ta' Lulju, 2003, forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew tipprokura id-droga**

**kokajina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghal uzu ta' persuna/i minghajr ma kellha licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kienet awtorrizata bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-droga perikoluzi (G.N 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga w minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-improtazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellha licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija w minghajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess droga w dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regola tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N 292/1939) kif sussegwentement emendati w bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**2) fl-1 t'Awissu, 2003 u fis-26 t'Awissu, 2003, forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga Eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghal uzu ta' persuna/i minghajr ma kellha licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kienet awtorrizata bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-droga perikoluzi (G.N 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga w minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-improtazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellha licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew tforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga w dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regola tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**3) fil-11 ta' Lulju, 2003 kellha fil-pussess taghha d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienitx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-improtazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-raba' u s-sitt taqsima ta' l-Ordinanza w meta ma kienitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija w meta ma kienitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha w naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond it-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija w dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**4) fl-1 t'Awissu, 2003 u fis-26 t'Awissu, 2003 kellha fil-pussess taghha d-droga Eroina kif ukoll talli kellha fil-pussess taghha d-droga Eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienitx fil-pusess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza w meta ma kienitx bil-Licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija w meta ma kienitx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha w naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu esklussiv taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija w dan bi ksur tar-regolament 8 tar-Regoli ta' 1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N 292/1939) kif sussegwentement emendati w bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-18 ta’ Settembru, 2006, li biha, wara li rat l-Artikoli 18 tal-Kap. 9, 22(2)(b)(i), 22(2)(b)(ii) u Reg. 4 u 9 tal-GN 292/1939, sabet lill-appellanti hatja tal-akkuzi dedotti kontra taghha w ikkundannatha ghall-terminu ta’ prigunerija ta’ sentejn oltre hlas ta’ multa ta’ elf u hames mitt lira Maltin (LM1500) u cioe’ l-piena ridotta bi grad kwantu t-terminu ta’ prigunerija w riduzzjoni b’terz kwantu l-piena pekunarja.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fid-29 ta’ Settembru, 2006, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata billi tiddikjaraha nulla w possibilment tirrimetti l-atti lura lil Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti u cioe’ :

Illi l-appellanti taghmel riferenza ghar-rekwiziti rikjesti mill-art. 453(1) tal-Kodici Kriminali (Kap. 9) kif ukoll ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs. Emanuel Testa tas-17 ta’ Lulju, 2002 u tirrileva illi l-procedura ndikata ma gietx segwita;

Illi certament ma jirrizultax mill-verbal illi l-appellanti nghatat it-twissija skond il-ligi kif ukoll ftit taz-zmien biex tista’ terga’ lura minn tali ammissjoni;

Illi fit-tieni lok is-sentenza appellata hija nulla stante illi m’hemmx indikati l-artikoli tal-ligi li tahthom instabet htija fl-appellanti.

Rat il-verbal li bih Dr. Arthur Azzopardi, ghall-prosekuzzjoni, rrimmetta ruhu ghat-tieni aggravju tal-appellanti.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi huwa minnu li meta l-Ewwel Qorti giet biex taghti s-sentenza appellata, wara li ccitat l-Artikolu 18 tal-Kap. 9, iccitat l-Artikoli 22 (2)(b)(i), 22 (2)(b)(ii) kif ukoll ir-regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939. Illi pero' meta ccitat l-Artikolu 22 fuq imsemmi l-Ewwel Qorti ma citatx tal-liema ligi hu dan l-Artikolu w ghalkemm jista' jkun ovvju li dan l-Artikolu jirreferi ghal dak kontenut fil-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta w cioe' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, kif inhi reddatta s-sentenza ma jidhirx li tissodisfa l-vot tal-Ligi kontenut fl-Artikolu 382 tal-Kodici Kriminali.

Li skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, <u>ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati,</u> taghti l-piena w <u>ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat;</u>

**Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jigi rispettat strettament il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali. F' kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata. (ara f' dan is-sens l-Appelli Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Paul Cachia" **[25.9.2003] ;** "Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**" [9.9.2002];** "Il-Pulizija vs. Benjamin Muscat**" [10.7.2002 u 28.6.2002]** "Il-Pulizija vs. Donald Cilia**" [24.4.2002], "**Il-Pulizija vs. Mark Portanier**" [14.9.2004]; "**Il-Pulizija vs. John Axiaq et" **[19.5.2005] ;** "Il-Pulizija vs. Stefan Abela" **[2.2.2006] u ohrajn).**

**Ghaldaqstant, f'dan l-istadju, din il-Qorti trid, kif del resto qablu l-prosekuzzjoni w d-difiza ,*"ex officio*" tannulla s-sentenza appellata w tibghat il-process lura lill-Ewwel Qorti biex jigi rettifikat dan in-nuqqas fis-sentenza appellata li jikkonsisti filli l-Ewwel Qorti ma**

**ccitatx il-Ligi l-ohra li tahtha hemm l-Artikolu 22 li tahtu kienet qed issib il-htija. In vista ta' din id-decizjoni din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tiddisponi mill-ewwel aggravju f'dan l-istadju.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tannulla s-sentenza appellata w, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-"*doppio esame*", qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, sabiex l-appellanti terga' titpogga fil-pozizzjoni li kienet immedjetament qabel ma giet pronunzjata s-sentenza appellata w biex terga' tinghata sentenza mill-gdid skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------